**malta**
**biennale**
**.art** 2026

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

VALLETTA, Malta, 11 ta' Diċembru, 2024

# ROSA MARTINEZ MAĦTURA DIRETTUR ARTISTIKU GĦALL-maltabiennale.art 2026

Rosa Martinez inħatret Direttur Artistiku tat-tieni edizzjoni tal-maltabiennale.art, li se tittella' bejn Marzu u Mejju, 2026. Hija ntgħażlet mit-tim eżekuttiv tal-biennale fi ħdan Heritage Malta, wara sejħa internazzjonali li għaliha applikaw iktar minn 20 kuratur minn diversi pajjiżi.

Rosa Martinez qalet li tħossha onorata u ferħana li se tkun il-kuratriċi tal-maltabiennale.art 2026. "Li toħloq djalogi ġodda bejn l-arti kontemporanja u l-patrimonju storiku tal-gżejjer Maltin hija sfida li tippreżenta opportunità unika biex tgħaqqad realtajiet lokali ma' dawk globali. Il-Mediterran jibqa' epiċentru tat-tensjonijiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali u politiċi ta' żmienna. Għalhekk, l-arti tista' toffri tweġiba kritika għall-inugwaljanzi u l-inġustizzji soċjali, filwaqt li tnissel fina t-tama li tqarribna lejn is-sbuħija u d-dritt li ngħixu fis-sliem."

Wara din il-ħatra, issa jmiss li tiġi magħżula t-tema kuratorjali għat-tieni edizzjoni tal-maltabiennale.art 2026, filwaqt li jiġu deċiżi s-siti storiċi li fihom se jkun hemm il-wirjiet. L-artisti li se jkunu qed jesebixxu matul il-biennale ta' Malta jintgħażlu mid-Direttur Artistiku wara sejħa internazzjonali li mistennija toħroġ kmieni s-sena d-dieħla.

Fl-2005, Rosa Martinez kienet Direttur Artistiku tal-Biennale ta' Venezja u kienet l-ewwel kuratur mara fil-110 snin ta' storja ta' dil-wirja internazzjonali. Kienet ukoll Direttur Artistiku / Kuratur ta' biennali f'Barċellona (1988-1992), Rotterdam (1996), Istanbul (1997), Santa Fe, New Mexico, Stati Uniti (1999), Busan, fil-Korea (2000), Sao Paolo (2006) u Moska (2005-2007).

Rosa Martinez, li hija bbażata fi Spanja, kienet ukoll il-Kap Kuratur tal-Mużew tal-Arti Moderna f'Istanbul bejn l-2004 u l-2007, u organizzat numru ta' wirjiet importanti tal-arti, fosthom fil-Guggenheim ta' Bilbao (2007), fil-Museo Nacional de Escultura f'Valladolid, Spanja (2015), fiċ-Centro Cultural Metropolitano fl-Ekwador (2017) u fil-Mużew ta' Picasso f'Barċellona (2019), fost oħrajn. Dan minbarra li kkurat ukoll wirjiet minn artisti stabbiliti, fosthom Anish Kapoor f'Murcia, Spanja, Tania Berta Judith f'Barċellona, u Saskia Calderon fl-Ekwador, kif ukoll bosta wirjiet kollettivi. Bħalissa hija l-kuratriċi ta' wirja għall-British Museum u għall-Fundacio La Caixa li se tintwera f'diversi postijiet.

Rosa Martinez għandha wkoll konnessjoni diretta ma' Malta, partikolarment bil-proġett *Constellation Malta* li kkurat fl-2018, waqt li l-Belt Valletta kellha titlu tal-

Belt Kapitali Kulturali Ewropea. Fl-2022 hija kkurat ukoll il-wirja LEIVA, tal-artist Malti Austin Camilleri, fi Spazju Kreattiv.

L-ewwel edizzjoni tal-maltabiennale.art saret iktar kmieni dis-sena stess u kisbet suċċess kbir internazzjonalment, tant li poġġiet lil Malta fuq il-mappa kulturali dinjija fil-qasam tal-arti kontemporanja. Il-biennale ta' Malta huwa l-uniku pjattaforma tal-arti kontemporanja li ngħata l-patroċinju tal-UNESCO. Il-maltabiennale.art 2024 kellu wkoll il-patroċinju tal-President ta' Malta.

*Il-maltabiennale.art jiġi organizzat minn Heritage Malta u jittella' primarjament fis-siti storiċi li tmexxi din l-aġenzija nazzjonali, biex tingħata rilevanza ġdida lil dawn is-siti li tkun tappella u tikkomunika mal-udjenzi tas-seklu 21. Il-maltabiennale.art 2026 qed jittella' bis-sehem tal-Kunsill Malti għall-Arti.*

**Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja lil:**
**Lisa Gwen Chetcuti fuq pr@maltabiennale.art**

**maltabiennale.art qiegħed online:**
**Website uffiċjali: www.maltabiennale.art**
**Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art**

***NB lill-edituri:**
**Isem Rosa Martinez għandu jinkiteb sħiħ - isem u kunjom. Grazzi.**
**Ritratt ta' Rosa Martinez meħud minn: Ana Alvarez-Errecalde**

malta
biennale
.art 2026

## PRESS RELEASE

VALLETTA, Malta, December 11, 2024

# ROSA MARTINEZ APPOINTED ARTISTIC DIRECTOR OF maltabiennale.art 2026

Acclaimed international curator Rosa Martinez, has been appointed Artistic Director of the maltabiennale.art's second edition, which is to be held from March to May, 2026.

Rosa Martinez expresses how she is "honoured and delighted to take on the responsibility of curating maltabiennale.art 2026. The challenge of creating new dialogues between contemporary art and the amazing heritage of the islands is a unique opportunity to connect local realities with the global world in which we live. The Mediterranean continues to be an epicentre of the economic, social, environmental and political tensions of our time. Art can offer a critical response to inequalities and social injustices, while drawing a line of hope towards beauty and the right to happiness."

Most notably, Rosa Martinez was Artistic Director of the Venice Biennale in 2005, making her the first female curator in the 110-year history of this international exhibition. She was also Artistic Director / curator of biennials in Barcelona (1988-1992), Rotterdam (1996), Istanbul (1997), Santa Fe, New Mexico, US (1999), Busan, Korea (2000), Sao Paolo (2006) and Moscow (2005- 2007).

Based in Spain, Rosa Martinez was also Chief Curator of the Museum of Modern Art in Istanbul (2004-2007). Additionally, she curated several prestigious projects and exhibitions, including shows at Guggenheim Bilbao, in 2007, at the National Museum of Sculpture in Valladolid, Spain (2015-2016); *Centro Cultural Metropolitano*, Quito, Ecuador (2017), and at the Picasso Museum (2019), among others. She has also curated the work of internationally acclaimed artists such as Anish Kapoor in Murcia, Spain; Tania Berta Judith in Barcelona, or Saskia Calderon in Ecuador, as well as several prestigious group shows.

In 2018, she was invited to Malta to curate the project *Constellation Malta*, as part of the celebrations held in Valletta for European Capital of Culture, and in 2022, she curated Austin Camilleri's LEIVA solo exhibition at Spazju Kreattiv. Presently, she is curator of a touring exhibition for the British Museum and Fundació La Caixa that will be shown in various venues.

Following the appointment of Rosa Martinez, the theme of maltabiennale.art 2026 will be announced, together with the selection of the historical sites which will host the exhibitions of the second edition. Rosa Martinez will also be

responsible for the selection of artists and exhibitions, following an international call for proposals to be published early next year.

The first edition of the maltabiennale.art took place earlier this year receiving considerable international acclaim and placing Malta on the global contemporary art map. Malta's biennale is the only artistic event, worldwide, to have been granted the distinguished patronage of UNESCO. the maltabiennale.art 2024 was held also under the patronage of the President of Malta.

*This international contemporary art festival is organised by Heritage Malta and chiefly takes place in historical sites managed by the national agency in an effort to enhance and highlight the relevance of museums and cultural sites for 21st-century audiences. The maltabiennale.art 2026 is organised with the collaboration of Arts Council Malta.*

**For all media enquiries, please contact:**
**Lisa Gwen Chetcuti on: pr@maltabiennale.art**

**maltabiennale.art is online:**
**Official website: www.maltabiennale.art**
**Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art**

***NB To all editors:**
**Kindly use Rosa Martinez's name in full - name and surname. Thank you.**
**Photo of Rose Martinez to be credited to: Ana Alvarez-Errecalde**